MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 727/2002/1

**Mark u martu Maria Victoria Sammut**

**vs**

**John Patrick u Mary Carmen mizzewgin Hayman, Antonia sive Tania mart Raymond Pickard u Christopher Hayman fil-kwalita` taghhom ta' eredi tal-mejjet Nutar Dottor John Patrick Hayman; u b' digriet tad-29 ta' Jannar tas-sena 2003 gie kjamat fil-kawza Edmond Mugliette; u inoltre permezz ta' digriet tal-5 ta' Marzu tas-sena 2003 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f' isem Raymond Pickard ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-mewt ta' martu Antonia sive Tania Pickard**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Ottubru, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx:

1. Jirrifondu lill-atturi s-somma ta' elfejn tminn mija u erbghin Lira Maltin (LM2840.00,0), li l-istess atturi kienu hallsu lill-mejjet Nutar Dottor John Patrick Hayman permezz ta' cekk tal-Bank of Valletta p.l.c. numru 536 datat 3 ta' Novembru tas-sena 2000 (Dok A) b'istruzzjonijiet specifici biex hu jhallas il-bilanc tas-self kollu li ghandhom mal-Bank of Valletta p.l.c. (kont numru 31507303017), liema hlas effettivament qatt ma sar lil Bank of Valletta p.l.c.; flimkien mad-danni konsistenti f'imghaxijiet li ghadhom qeghdin jiddekorru u jithallsu mill-atturi lil Bank of Valletta p.l.c. in konnessjoni mas-self fuq indikat, li sad-data tal-prezentata ta' dan l-att jammontaw ghal mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin (LM121), oltre imghaxijiet ulterjuri dovuti lill-istess Bank sad-data tal-effettiv pagament tas-self;

2. Bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Lulju tas-sena 2001 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji tat-13 ta' Gunju tas-sena 2001 u tal-ittra ufficcjali tal-11 ta' Lulju tas-sena 2001 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-3 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuti ecceppew is-segwenti:

1. Illi t-talba kif kontenuta fl-avviz in kwantu diretta kontra l-eccipjenti hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi c-cekk in kwistjoni effettivament issarraf minn certu Edmond Mugliette li indebitament approprija ghalih innifsu l-imsemmi cekk, u ghalhekk dan ghandu jigi kjamat fil-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat it-talba tal-konvenuti datata d-29 ta’ Jannar tas-sena 2003 ghall-kjamata in kawza ta’ Edmond Mugliette u n-nuqqas t’opposizzjoni moghtija fl-istess data mill-atturi;

Rat id-digriet taghha datat ukoll id-29 ta’ Jannar tas-sena 2003 li permezz tieghu ordnat il-kjamata in kawza ta’ Edmond Mugliette;

Rat ir-rikors ta’ Raymond Pickard proprio et nomine datat l-4 ta’ Marzu tas-sena 2003 fejn ghar-ragunijiet hemm indikati talab it-trasfuzjoni ta’ l-atti tal-kawza;

Rat id-digriet taghha datat il-5 ta’ Marzu tas-sena 2003 li permezz tieghu laqghet it-talba;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-5 ta’ Novembru tas-sena 2003 li permezz taghha l-kjamat in kawza eccepixxa s-segwenti:

1. Illi huwa m’ghandu ebda relazzjoni kuntrattwali jew fiducjarja, jew mod iehor mal-atturi u li mhux debitur la tal-atturi u lanqas tal-konvenuti u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

2. Illi kif ser jirrizulta mill-provi l-eccipjent kellu relazzjoni ta’ kreditur mal-mejjet Nutar John Hayman u kien ircieva pagamenti minghand in-Nutar biex dan il-kreditu jigi mnaqqas u mhallas;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi jirrizulta li bieghu garaxx in atti tal-mibki Nutar Dr. John Patrick Hayman li fuqu l-istess atturi kellhom dejn mal-Bank of Valletta p.l.c. ammontanti ghall-elfejn, tminn mija u erbghin Lira Maltin, (LM2,840.00,0);

2. Illi dan l-ammont kien konsolidat b'ipoteka registrata ma' l-istess Bank wara li l-hlas ta' l-ammont fuq indikat sehh permezz ta' cekk li l-atturi ghamlu lin-Nutar fuq indikat, liema cekk hu datat it-3 ta' Novembru tas-sena 2000;

3. Illi sussegwentement, permezz ta' cekk datat it-3 ta' Novembru tas-sena 2000, l-istess atturi hallsu lill-imsemmi Nutar bil-ghan li l-ipoteka fuq indikata tigi kkancellata;

4. Illi pero' stante li mir-rendikont bankarju li kien jinghata regolarment lill-atturi kien jirrizulta li c-cekk in dizamina ma kienx gie msarraf, l-atturi baqghu jhallsu rati mensili dovuti fuq l-istess lill-Bank fuq indikat;

5. Illi konsegwentement l-atturi spiccaw biex ihallsu l-ammont dovut kif fuq indikat doppjament cioe':

a. ic-cekk moghti lin-Nutar de quo;

b. l-ammonti rateali regolarment imhallsa lill-Bank imsemmi;

6. Illi effettivament irrizulta lill-atturi li c-cekk moghti lin-Nutar de quo qatt ma gie mghoddi lill-Bank kreditur kif istruwit;

7. Illi aktar tard, senjatament fit-2 ta' Mejju tas-sena 2001, u ghalhekk wara li n-Nutar de quo ghadda ghall-hajja ahjar, irrizulta li c-cekk in kwistjoni gie msarraf fil-fergha ta' Birkirkara tal-Bank de quo;

8. Illi muniti b'tali informazzjoni, jirrizulta li l-atturi innocentement ikkonkludew li d-debitu li huma kellhom ma' l-istess Bank kien issa regolarment saldat

pero' rrizulta li d-debitu ta' l-istess atturi baqa' jinqata' direttament;

9. Illi minn aktar tiftix irrizulta lill-atturi li c-cekk li huma kienu taw lill-imsemmi Nutar bl-iskop specifiku li jithallas id-debitu taghhom mal-imsemmi Bank kien minflok issarraf mill-kjamat in kawza;

10. Illi muniti b'tali informazzjoni l-atturi kkommunikaw ma' din il-persuna li nfurmahom li c-cekk kien gie girat f'ismu peress li l-istess Nutar kien allegatament debitur tieghu;

11. Illi l-attur isostni li kien fihem lill-kjamat in kawza bil-posizzjoni vera tal-fatti u konsegwentement isostni wkoll li dan il-kjamat in kawza fehem is-sitwazzjoni imbarazzanti u nfurmah li kien lest li jirritorna l-flus dakinhar stess;

12. Illi pero ftit minuti qabel il-hin miftiehem biex jghaddi l-flus dovuti minnu, il-kjamat in kawza cempel lill-attur u hassar l-appuntament li kellhom ghal dan il-ghan;

13. Illi l-atturi jsostnu pero' wkoll li dan l-istess kjamat infurmahom li kien lest jirrifondihom l-ammont lilhom dovut bil-kondizzjoni li l-eredi ta' l-imsemmi Nutar jirrifonduh ta' l-istess;

14. Illi stante li l-atturi baqghu ma nghatawx l-ammont lilhom dovut kienu kostretti jipprocedu b'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-konvenuti kif karpita mill-konvenut John Patrick Hayman tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi huwa rcieva telefonata mill-attur li nfurmah li cekk li dan ta' l-ahhar kien ta lil ibnu Nutar kien issarraf wara li dan kien gie nieqes fit-23 t'April tas-sena 2001;

2. Illi rrizulta li c-cekk in dizamina kien issarraf mill-kjamat in kawza Edmond Mugliette;

3. Illi madwar siegha wara l-istess attur rega' cempel lill-imsemmi konvenut u nfurmah li wara li cempel lill-kjamat in kawza dan ta' l-ahhar kien assigurah li kien ser jirrifondi l-ammont minnu dovut;

4. Illi pero' wara ftit il-konvenut rega' rcieva telefonata ohra minghand l-attur li nfurmah li issa l-kjamat in kawza kien qed jirrifjuta jaghmel tajjeb ghall-ammont li kien ha indebitament;

5. Illi l-konvenuti qatt ma raw ic-cekk in dizamina u jirrizultaw ghal kollox estranei ghall-akkadut;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li ghalkemm il-kjamat in kawza kellu l-opportunita' li jressaq il-versjoni tieghu ghall-avall ta' din il-qorti jirrizulta li ghazel li ma jaghmilx dan;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-fatti kif indikati mill-atturi u l-konvenuti javallaw lil xulxin;

Illi n-negozju sar biss bejn il-mibki Nutar u l-atturi;

Illi l-konvenuti huma estranei ghall-professjoni tan-Nutar;

Illi c-cekk in dizamina gie mghoddi biss taht l-istruzzjoni specifika li kellu jintuza biex tigi xolta l-ipoteka li l-atturi kellhom mal-Bank de quo;

Illi l-allegazzjonijiet tal-kjamat in kawza, stante li dan ghazel li jastjeni mill-procedura odjerna qed jitqiesu bhala mhux pruvati;

Illi konsegwentement din il-qorti wara li qed tiddikjara li qed takkolji t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti,

tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza u ghar-ragunijiet fuq premessi tikkundanna lill-kjamat in kawza Edmond Mugliette biex jirrifondi lill-atturi Mark u martu Maria Victoria Sammut l-ammont ta’ elfejn tminn mija u erbghin Lira Maltin (LM2,840.00,0), kif dedotti fl-avviz odjern, bl-imghaxijiet dovuti u bl-ispejjez.”

Minn din is-sentenza appella l-imsejjah fil-kawza li talab li din tigi dikjarata nulla. *Inter alia*, huwa jibbaza din it-talba tieghu fuq il-konsiderazzjoni illi gjaladarba t-traskrizzjoni tal-kontro-ezami ta’ l-attur Mark Sammut ma gietx inserita fl-atti jfisser li l-ewwel Qorti ma kkonsidratx b’ mod oggettiv ix-xhieda ta’ l-appellati, li fuqha u unikament iddecidiet il-kontroversja. L-appellanti ressaq aggravji ohra imma mhux il-kaz li din il-Qorti tissofferma ruhha dwarhom jekk issib li s-sentenza giet effettivament pronunzjata mhux fuq il-bazi tal-provi kollha li gew prodotti;

Ma jidherx li huwa kontestat illi skond il-verbal ta’ l-udjenza tas-17 ta’ Marzu 2004 (fol. 57) xehed bil-gurament l-attur Mark Sammut. Presumibilment din ix-xhieda kienet tikkonsisti f’ kontroezami, anke ghaliex hu kien gja ntavola x-xhieda principali tieghu permezz ta’ Affidavit (fol. 50);

Lanqas ma jidher li jista’ qatt ikun dubitat illi, skond ma hu rifless mill-parti razzjonali tas-sentenza attakkata, l-ewwel Qorti rrestringiet ruhha eskluzivament fuq il-fatti kif indikati mill-atturi u l-konvenut, u li skond dik il-Qorti kienu “javallaw lil xulxin”;

Huwa evidenti illi meta l-ewwel Qorti giet biex tirredigi s-sentenza taghha sfuggielha ghal kollox l-imsemmi verbal a fol. 57 ghaliex kieku kienet tintebah illi t-traskrizzjoni tal-kontroezami ta’ l-attur ma ddahletx fl-atti u allura s-sentenza nghatat fl-assenza ta’ din il-prova. Naturalment din il-Qorti mhix f’ qaghda li tghid ezattament x’ gara jew jekk dak il-kontro-ezami kienx ta’ sustanza o meno. Il-fatt

jibqa' li s-sentenza nghatat mhux fuq il-bazi tal-provi kollha kif hekk suppost kellu jkun;

F' kaz analogu ghal dan in ezami din il-Qorti ma kellha ebda ezitazzjoni tasal ghad-deklaratorja tan-nullita` tas-sentenza una volta rriskontrat illi fil-process kienu mankanti n-notamenti tad-deposizzjonijiet ta' zewg xhieda. Dan anke jekk f' dak il-kaz is-sentenza fl-ahhar mill-ahhar kienet bazata fuq punt ta' ligi. Ir-raguni moghtija hi illi f' kawza l-punt ta' ligi ma jigix tratta *in abstracto* imma konkretament applikat ghall-fatti rizultanti. Ara "**John J. Abela -vs- Anthony Dalli**", Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Frar 1973;

A propozitu, issokta jigi osservat u ripetut minn dik l-istess Qorti f' kawza fuq l-istess punt trattat, pronunzjata fl-istess gurnata ta' l-14 ta' Frar 1973, illi "hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenzjalment mizuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenefika imbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu. Waqt li l-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat, m' ghandux pero` lanqas jidhol u jigi nkoraggit permissivizmu ngustifikat" – "**Francis T. Gera *nomine* -vs- Edward Camilleri *et***". Jidher li dak li kellha *in mente* dik il-Qorti kien essenzjalment id-dispost ta' l-Artikolu 594 tal-Kapitolu 12. Inghad f' dan il-kuntest illi meta ghalhekk quddiem il-Qorti tal-Magistrati ma ssirx traskrizzjoni tad-deposizzjonijiet li jkunu taw ix-xhieda ghalkemm fil-fatt dik il-Qorti tkun semghethom ikun hemm vjolazzjoni ta' dan id-dispost li ggib ghan-nullita` tas-sentenza ta' dik il-Qorti bazata fuq dawk il-provi. Ara "**Giuseppe Cassar -vs- Pawlu Cassar**", Appell Inferjuri, 26 ta' Settembru 1945;

Issa fir-risposta taghhom il-konvenuti appellati jinvokaw id-dispost ta' l-Artikolu 790 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan l-artikolu flimkien ma' dak l-iehor precedenti 789, hu annoverat taht it-titolu "Fuq l-Eccezzjoni ta' Nullita` ta' Atti Gudizzjarji". Jinghad illi "*gli*

*articoli 799 e 800 (*illum 789 u 790*) della citata legge sotto la rubrica 'delle eccezioni di nullita` degli atti giudiziari' contemplano altresi i decreti e le sentenze dei tribunali.*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 465**). Dan ifsser illi n-nullita` komminata mill-Artikolu 790 tikkolpixxi l-atti kollha tal-kawza, kompriz allura wkoll is-sentenza;

Jinsab ritenut illi "n-nuqqas ta' attenzjoni ghal proprjeta` procedurali fil-Qorti ta' l-ewwel grad, da parte tal-kontendenti, li mhabba fiha ma jigux senjalati u soppressi immedjatament mill-istess Qorti irregolaritajiet u nuqqasijiet, hafna drabi jimpurtaw in-nullita` ta' xi att, u sussegwentement ta' xi digriet jew anke tas-sentenza, pero` b' danakollu din il-Qorti – hlief meta ma tistax taghmel haga ohra ghal ragunijiet fondamentali ta' gustizzja, kemm procedurali u kemm sostanzjali – ghandha tikkonferma tali sentenza, jekk dik, fis-sustanza vera taghha, tinsab li hija gusta" – "**Virginia Cassar -vs- Emmanuel Caruana *et***", Appell Kummercjali, 4 ta' Marzu 1992. Huwa proprju ghal din is-sustanza gusta tas-sentenza li l-appellati jirrikorru b' certu enfasi;

Fil-hsieb ponderat ta' din il-Qorti huwa ferm difficli li tistabbilixxi jekk fis-sustanza, is-sentenza *de quo* hijiex gusta o meno billi ma ghandhiex ghad-disposizzjoni taghha l-provi kollha li nghataw fil-kawza biex tista' tiddeterminaha u tivvaluta jekk verament is-sentenza hijiex sostanzjalment gusta. Din mhix kwestjoni ta' nuqqas ta' notifika ta' att, kif hekk kien il-kaz fid-decizjoni appena citata, u li ma gabet ebda pregudizzju serju lill-parti, izda si tratta nvece minn ezami u accertament ta' xhieda li nghatat u li din il-Qorti ma hijiex in grad li tiddetermina r-rilevanza taghha ghad-decizjoni tal-kaz gjaladarba tinsab nieqsa mill-atti. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma ssibx raguni biex ma ssegwix hi wkoll ir-ragunijiet fis-sentenzi superjorment riferenzjati.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-aggravju tan-nullita` tas-sentenza u b' hekk tiddikjara nulla

s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti in bazi ghall-konsiderazzjonijiet fuq maghmula. Tirrimetti l-process lill-ewwel Qorti biex jigi trattat u deciz skond il-ligi u tordna illi l-ispejjez gudizzjarji, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------